Nru. 173

AWTORITÀ TA' L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni Artikoli 47 u 48 (5) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, 1992

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar tqis li kull siġra, sġajra u arbuxxell li jinsabu fil-post kif muri fil-pjanta f'paġna 2211, huma ta' valur estetiku, kulturali, xjentifiku u arboriкulturali. Hija temmen ukoll li għalhekk is-siġar, sġajjar u arbuxxelli għandhom jitqiegħdu fuq il-Lista ta' Siġar Skedati skond it-termini ta' l-artikolu 48 (1) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, 1992.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li s-siġar, sġajjar u arbuxxelli msemmija huma fil-periklu li jiġu maqlugħa mill-għeruq, meqruda, miżbura, żmiċċati mid-dirgħajn, jew inkella b'xi mod ieħor danneġġjati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward tas-Siġar, Sġajjar u Arbuxxelli msemmija hawn fuq, skond l-artikoli 47 u 48 (5) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, 1992.

(i) Kull siġra, sġajra u arbuxxell fil-post muri fil-pjanta f'paġna 2211 huma meqjusa bħala siġar skedati.

(ii) Għandu jsir kull sforz ħalli kull siġra, sġajra u arbuxxell jibqgħu fi stat tajjeb ta' saħħa. Sakemm l-Awtorità tapprova pjan ta' ħidma, kif meħtieġ minn klawsola (iv) ta' din l-ordni, ma għandu jsir l-ebda xogħol ta' natura arboriкulturali jew silvikulturali.

(iii) Jekk għal xi raġuni xi siġra, sġajra jew arbuxxell jmutu, flokhom għandhom jitħawwlu siġar, sġajjar jew arbuxxelli oħra indiġeni, kif ikunu approvati mill-Awtorità.

(iv) L-organizzazzjoni li tamministra s-sit kif muri fuq il-pjanta mehmuża ma' din l-ordni, għandha tippreżenta pjan ta' ħidma għall-post li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħha għall-approvazzjoni ta' l-Awtorità. Dan għandu jsir fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni. Il-pjan ta' ħidma għandu jispeċifika kull proposta ta' taħwil ta' siġar, sġajjar u arbuxxelli ġodda kif ukoll kif ser jiġu miżmuma s-siġar, sġajjar u arbuxxelli eżistenti.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk xi siġra, sġajra jew arbuxxell issirilhom xi ħsara jew jiġu meqruda bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċità s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Siġra Skedata.

It-12 ta' Marzu, 1996

No. 173

PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order Sections 47 and 48 (5) of the Development Planning Act 1992

THE Planning Authority believes that all trees and shrubs to be found in the area as shown on site plan on page 2211are of aesthetic, cultural, scientific and arboricultural value, such that they should be listed as 'Scheduled Trees' in terms of section 48 (1) of the Development Planning Act, 1992.

The Authority also believes that the trees and shrubs are in danger of being uprooted, destroyed, pruned, looped, or otherwise harmed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above trees and shrubs in accordance with sections 47 and 48 (5) of the Development Planning Act.

(i) All trees and shrubs existing within the area as shown on the plan on page 2211 are to be considered as scheduled trees.

(ii) All efforts are to be carried out to ensure the continued well being of the said trees and shrubs. Until a management plan, as stipulated by clause (iv) of this order is approved by the Authority no arboricultural or silvicultural works are to be carried out.


(iii) Should the said trees or shrubs die for whatever reason, each shall be replaced by a tree or shrub of an indigenous species as approved by the Authority.

(iv) The organisation administering the site as shown on the attached site plan shall within three months from the date of publication of this order, present to the Planning Authority a management plan for the area under its responsibility for the Authority's approval. This plan shall specify any proposed new planting of trees and shrubs, and must describe the way in which existing and proposed trees and shrubs will be managed.

The Order shall have effect for a period of (6) months from the date of publication of this order.

If any tree or shrub is in any way damaged or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Trees.

12th March, 1996



St. Francis Ravelin
Floriana
PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E54991, N71990
Max E55455, N72407

Title :- Emergency Conservation Order

Ref No. :- GF 240/96

Form No. :- MU004